# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 623/18/1 TA**

**Kevin Attard**

**v.**

**Philip Cardona u Mario Cardona**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Kevin Attard minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar, 2023, fejn ġew miċħuda t-talbiet tiegħu għaliex qieset: (i) li l-partijiet kienu diġà ttransiġew il-kwistjonijiet kollha ta' bejniethom; u (ii) li l-attur ma setax ifittex lill-konvenuti għad-danni f'ismu personali ġaladarba l-kumpanija

KPM Marine Services Limited kellha l-jedd li tfittex għal dawk id-danni hija stess.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Ġunju, 2018, l-attur fisser li hu u ż-żewġ konvenuti, kienu diretturi tal-kumpanija KPM Marine Services Limited u kellhom ammont ta' ishma ndaqs bejniethom. Ġara li waqt l-operat ta' din il-kumpanija kien hemm nuqqas ta' qbil bejnu u bejn il-konvenuti, u minħabba f'hekk, skont l-attur, dawn bdew jimpikaw miegħu, waqfu milli jamministraw il-kumpanija u bdew ixekklu l-għanijiet tagħha, kif misjuba fil-memorandum u fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tagħha. B'konsegwenza ta' dan, l-attur tenna li huwa spiċċa jamministra kollox waħdu u kellu jħallas għal kull servizz li tingħata l-kumpanija mingħand terzi. Dan, skont l-attur wassal biex huwa tilef ħafna xogħol u ġarrab danni kbar. Huwa saħaq li kemm-il darba pprova jsewwi s-sitwazzjoni, u pprova wkoll jixtri l-ishma li l-konvenuti kellhom fil-kumpanija għall-prezz li huma kienu qegħdin jitolbu; iżda dawn ma ridux ibiegħuhomlu minħabba pika u b'hekk spiċċa biex bata d-danni. Spjega wkoll li huwa kellu jiftaħ kawża biex xtara l-ishma tal-konvenuti bil-prezz li kienu qegħdin jitolbu ħafna żmien qabel infetħet il-kawża, u dan kollu minħabba pika min-naħa tagħhom. Minħabba f'hekk, huwa kellu jiftaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara li l-intimati kkawżaw danni lill-attur;*

*2. Tiddikjara lill-intimati responsabbli għad-danni sofferti mill-attur;*

*3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;*

*4. Tikkundanna lill-intimati għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur f'dik is-somma kif likwidata minn din l-istess Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk ta' l-ittri uffiċjali u mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 912/2018 inkluż spejjeż legali extra-ġudizzjarji u bl-interessi legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati.»*

3. Il-konvenuti Cardona wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fl-14 ta' Settembru, 2018, u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti rrinunzja għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni fil-konfront tal-esponenti meta, permezz ta' skrittura datata 4 ta' Ġunju 2018, il-kontendenti ttransiġew il-vertenzi kollha ta' bejniethom u l-attur ta lill-esponenti kwittanza assoluta u ddikjara li ma għandu, fil-konfront tal-istanti, ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta.*

*2. Fit-tieni lok, kwalunkwe responsabbiltà addebitata lill-esponenti qiegħda tiġi respinta, u dan għar-raġunijiet li sejrin jirriżultaw fil-kawża.*

*3. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ma sofra l-ebda danni, u għalhekk, it-talba tiegħu hija fattwalment u legalment infondata.*

*4. Fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sejjer jirriżulta fis-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat ili jekk ir-rikorrenti tassew sofra xi danni, ma jistax jitlob riżarċiment mingħand l-intimati billi tali danni kienu riżultat biss tal-aġir maġġorment kontributorju u illegali tiegħu stess.*

*5. Fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost partikolarment għat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet premessi, kwalunkwe danni li seta' b'xi mod sofra r-rikorrenti, jekk jirriżultaw, f'kull każ, ma jaħtux għalihom l-esponenti u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.*

*6. Fil-ħames lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma mill-bqija infondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont il-ħtiega, u b'riżerva ċara għal kull*

*azzjoni spettanti lill-intimati, skont iċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, inklużi dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru numru 912/2018, mal-ittri ġudizzjarji bir-riferenza nru: 2741/2018, u 3000/2018 u kif ukoll mal-atti ġudizzjarji preżentati b'kontestazzjoni jew bi tweġiba għall-istess, illi jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. B'sentenza tat-28 ta' Frar, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel u s-sitt eċċezzjonijiet tal-konvenuti u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*Trid qabel xejn tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Permezz tagħha l-konvenuti jsostnu li permezz tal-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 2018, il-partijiet transinġew il-vertenzi kollha ta' bejniethom. Fl-imsemmija skrittura l-attur ta kwittanza assoluta u saħansitra ddikjara li ma għandu, fil-konfront tal-konvenuti ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta.*

*Jibda biex jingħad li l-leġislatur jagħti importanza partikolari lil dan l-Istitut għaliex permezz tiegħu tiġi definittivament u irriversibilment terminata, fil-veru sens tal-kelma tindifen darba għal dejjem kull vertenza. Di fatti artikolu 1729 (1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li, "It-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, is-setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat. (2) Ma tistax tiġi attakkata minħabba żball ta' liġi". Ġie mgħallem li, "Illi l-importanza li l-istat jagħti lit-transazzjoni hi waħda impliċita, u dejjem ġiet rikonoxxuta. Wieħed isib ukoll il-konferma ta' dan f'ħafna aspetti tal-liġi: per eżempju fil-fatt li transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, mhux biss is-solitu effett ta' kuntratt, li hu l-liġi bejniethom [Art 992, Kodiċi Ċivili], imma effett ta' res iudicata [Art 1729, Kodiċi Ċivili]; ukoll, jekk kawża tiġi transatta, l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment" (Ara **Digriet tal-Prim'Awla Per Imħallef Robert Mangion tat-2 ta' Marzu, 2020 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Aspider Solutions Malta Limited -vs- Redtouch Fone Limited**).*

*Għalhekk meta pendenza jew vertenza bejn il-partijiet li tkun materja ta' kawża pendenti jew tista' tagħti lok għall-kawża, din dejjem tista' tkun materja ta' kuntratt ta' transazzjoni. L-artikolu 1718 tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi t-transazzjoni bħala li hija dak il-kuntratt, "li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir."*

*Minn eżami tal-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 2018, ma għandu jkun hemm ebda dubju li din tikkonsisti fi transazzjoni kif trid il-liġi. Il-kliem magħżul u l-intenzjoni tal-partijiet univokament jippuntaw lejn dan l-Istitut. Qabel xejn il-partijiet stess testwalment jiddikjaraw, "Illi huma jixtiequ jittransiġu l-kawża flimkien mal-mandati" li kienu ġew preżentanti kawtelatorjament. Biex ikun emfasizzat dan il-punt fi klawsola 7 jerġgħu jirripetu li, "Dan il-ftehim qed isir in via di transazzjoni". Però, aktar minn hekk jidher li huwa ċar li l-intenzjoni tal-partijiet ma kinitx biss dik li jolqtu l-pendenza partikulari tal-kawża li kien hemm pendenti iżda wkoll kull ħaġa oħra konnessa jew ma hix magħha tant li fi klawsola 8 l-Attur jagħti "kwittanza assoluta" u kif ukoll li ma għandu "ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta". Fi ftit kliem, b'din l-iskrittura il-partijiet riedu jolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda. Il-lite li kienet materja ta' kawża pendenti u dawk li setgħu wasslu għal aktar kawżi.*

*Huwa għalhekk li din il-Qorti ma ssib xejn ortodoss fil-fatt li ġiet preżentata il-kawża u t-tentattiv ta' mandat kawtelatorji oħra* ***fl-istess ġurnata*** *li l-partijiet transiġew kull kwistjoni li kien hemm bejniethom. Ma rrikorriet ebda ċirkostanza ġdida fi żmien qasir daqshekk bejn it-transazzjoni u t-tieni kawża preċeduta bil-mandati, li jista' jingħad li ma kinitx materja tat-transazzjoni fuq imsemmija. Fuq dan l-element innovattiv li seta' ġġustifika proċeduri ex novo kkumentat anke il-Qorti fi proċeduri għar-revoka ta' wieħed mill-mandati meta qalet hekk:*

> *«Huwa evidenti għal din il-Qorti illi meta l-intimat (Attur f'din il-Kawża) fil-21 ta' Novembru 2018 r-risposta tiegħu għar-rikors ta' revoka huwa kien nesa illi l-mandat ta' sekwestru de quo nħareġ fuq rikors tiegħu ppreżentat ad in saputa tal-aħwa Cardona fl-istess jum li fih kienu qed jiffirmaw l-iskrittura ta' transazzjoni. Apparentement l-intimat Attard nesa wkoll illi fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo ddikjara bil-ġurament tiegħu illi ried jikkawtela s-somma ta' €260,000 allegatament danni li sofra meta l-aħwa kellhom ishma fis-Soċjetà KPM Marine Services Limited u <u>mhux għal xi ħaġa li ġara wara</u>" (Enfażi ta' din il-Qorti. Ara digriet għar-revoka tas-sekwestru tal-Prim'Awla tal-31 /12/18 a fol 240).»*

*Tant biex ikun intqal kollox l-4 ta' Ġunju stess Kevin Cassar personalment ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru meta l-kawża kienet saret mis-soċjetà (a fol 238). Raġuni "danni sostanzjali li sofra s-sekwestrant <u>meta l-intimati kellhom ishma flimkien mas-sekwestrant</u>, tas-Soċjetà KPM Marine Services Ltd" (a fol 238). Jiġifieri ż-żmien li qiegħed jirreferi għalih l-Attur huwa l-istess materja tal-iskrittura msemmija għaliex dak iż-żmien <u>kienu għadhom soċji miegħu</u>.*

*Fir-rigward ta' dak li hija definita bħala transazione novativa...*

*Dan il-ħsieb ġie anke rifless fis-Sentenzi tagħna meta intqal li "Transazzjoni ttemm biss il-pendenzi li jiġu kontemplati mill-partijiet meta ttransiġew u avolja jiġu wżati espressjonijiet li juru transazzjonijiet ġenerali, il-Qorti ma tistax tiċħad lill-partijiet id-dritt li jipprovaw xi pretensjoni ġdida tagħhom ma kinitx kompriża fit-transazzjoni" (Enfażi*

*tal-**Qorti tal-31 ta' Diċembru 1965 fl-ismijiet Joseph Barbara -vs- Carmelo Barbara**). Issa f'din il-Kawża l-Attur mhux biss ma irnexxilux juri li kellu pretensjoni ġdida iżda l-kuntrarju. Kif diġà, spjegat aktar 'l fuq.*

*Fl-aħħar nett tajjeb ukoll li jingħad li din il-Qorti tikkunsidra il-kwittanza billi wkoll tattribwilha valur ta' transazzjoni fiha nnifisha għaliex l-effetti u l-estremi tagħha wkoll jikkontjenu l-elementi kostituttivi tal-Istitut tat-transazzjoni. Issa fil-każ li għandha quddiemha, biex il-partijiet juru li tassew laqtu kull vertenza ta' bejniethom, li kienet għadha pendenti sa dakinhar, enfatikament użaw il-frażi ta' "kwittanza assoluta".*

*Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. L-iskrittura mertu tal-kawża serviet ta' strument biex jintlaqtu żewġ sitwazzjonijiet. Dik li kienet il-materja ta' kawża bejn il-partijiet fl-ismijiet **Kevin Attard nomine -vs- Philip Cardona et pro et noe** rikors numru 29/2018 JZM u kif ukoll kull materja oħra konnessa jew relatata ma' dawk il-proċeduri għalkemm ma kienx hemm tismija speċifika tagħhom.*

*Però l-Qorti tħoss, li għandha wkoll tissenjala s-segwenti u ċjoè, li huwa rikonoxxut li l-prinċipji tal-liġi ċivili li taħthom kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (artikolu 1031 tal-Kap. 16), meta jirriżulta li fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (artikolu 1032 tal-Kap. 16), jew meta jkun għamel jew naqas li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi (artikolu 1033 tal-Kap. 16), jgħoddu wkoll għall-atti jew ommissjonijiet imwettqa minn persuna fil-qadi ta' dmirijietha/ fl-amministrazzjoni tagħha bħala direttur/direttriċi u/jew azzjonista ta' kumpanija.*

*Ġie madankollu stabbilit li, "il-fatt innifsu li azzjonist jista' jfittex lil direttur [jew azzjonist] għad-danni kkawżati lilu personalment minħabba xi atti jew ommissjonijiet tal-istess direttur [jew azzjonist], ma tagħtix xi carte blanche lill-istess azzjonist biex ifittex lid-direttur [jew azzjonist] għal kwalsiasi dannu. Kemm hu hekk, huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li d-dannu reklamat minn azzjonist irid ikun strettament personali u separat minn dak id-**dannu li jkun ġie mġarrab lill-kumpanija bl-istess att jew ommissjoni kolpuża tal-intimat/i**. Fuq kollox dan huwa estensjoni tal-prinċipju li l-kumpanija għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-azzjonist, u b'hekk il-patrimonju tal-kumpanija mhuwiex l-istess patrimonju tal-azzjonist;*

*Sentenza partikolari fejn intqal dan kollu kienet dik li saret referenza għaliha mill-Ewwel Qorti, u li ġġib l-isem ta' **Martin Bonello Cole v. Kenneth Cole** (Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, Ċit. Nru. 214/93GV). F'dik is-sentenza, il-Qorti, minbarra li rreferiet ukoll għal sentenza oħra ta' din il-Qorti fl-ismijiet ta' **M.J. Falla v. J.H Sorotos** (Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 1976), irreferiet ukoll għall-famuż każ ta' **Prudential Assurance Co Ltd v. Newman Industries Ltd (No 2)** [1982] 1 All ER 254 (Chancery Division and*

*Court of Appeal) u għall-insenjament tal-awtur **Hollington**. Lil dan tal-aħħar il-Qorti kkwotatu jgħid hekk:*

> *«A shareholder can, therefore, only pursue a personal cause of action for breach of duty against the directors or other shareholders (eżatt bħal fil-każ in eżami) or third parties, if he establishes that in the special circumstances of the case: (a) he has suffered personal loss distinct from the loss suffered by the company and therefore indirectly by him as a shareholder, and*
>
> *(b) the defendants were in a sufficiently proximate relationship to him that they owed him the duty (whether it be a fiduciary duty or the common law duty of care) which they are alleged to have broken.»*

*Sentenza aktar riċenti hija mbagħad dik fl-ismijiet ta' **Anthony Muscat et. v. Anthony Nicholl et.** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju 2020 (Rik. Nru. 1044/08JRM.). F'dawk il-proċeduri li bħal fil-każ tal-lum kienu għar-riżaċiment tad-danni, u ġew mibdija minn azzjonisti f'isimhom personali fl-assenza tal-kumpanija, kontra d-diretturi tal-kumpanija li tagħha kienu azzjonisti, il-Qorti osservat li biex azzjoni ta' dan it-tip tħalli frott għall-azzjonist ta' kumpanija: "**huwa jkun irid jipprova li t-telf imġarrab minnu mhuwiex l-istess telf imġarrab mill-kumpanija li tagħha huwa wieħed mis-sidien (li huwa msejjaħ in-'non-reflective loss principle') u li l-kumpanija setgħet tfittex għalih hi**". Din il-Qorti tikkondividi bis-sħiħ ma' din l-osservazzjoni u tagħmilha tagħha;" (**Ingrid Fiorini v. Anna Zerafa et, Qorti tal-Appell, 14 ta' Diċembru 2022**).*

*Dwar il-prinċipju ta' non-reflective loss intqal hekk:*

> *«If the duty is owed to the shareholder only and ex hypothesi the company has no cause of action, then the shareholder can recover such losses, if not too remote, as he can prove to have been caused by the defendant's conduct no matter that the losses arise through loss of dividends or his share of profits in the company or the fall in the value of his shares» (Ara **Sentenza Ingliża fl-ismijiet Johnson -vs- Gore Wood & Co (1999) BCC 474 (at 498b) u 2 AC 1 2002).***

*Issa t-telf li qiegħed jissemma f'din il-kawża, huwa marbut ma' telf li għamlet il-kumpanija u ma hux marbut mad-diprezzament tal-valur tal-ishma jew nuqqas ta' distribuzzjoni ta' dividends jew benefiċċji oħra li jaħsad is-soċju mill-ġid iġġenerat mill-kumpanija.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji legali senjalati f'din is-sentenza, il-Qorti trid qabel kollox tiddetermina jekk it-tip ta' danni li qed jiġu mfittxija mir-Rikorrenti jikkonsistux «f'telf li huwa l-istess telf jew inkella riflessjoni tat-telf li ġie mġarrab mill-kumpanija minħabba l-atti jew l-ommissjonijiet tal-intimati, kif ukoll; (ii) jekk il-kumpanija setgħet tfittex lill-intimati għal dak l-istess telf», fejn allura jiġi nieqes l-element ta' utilità u l-vantaġġ li jista' jieħu r-Rikorrenti minn din l-azzjoni, jew jikkonsistu «(i) f'telf li huwa distint minn dak li ġarrbet il-kumpanija, u (ii) il-kumpanija ma setgħetx tfittex għal dak it-telf» fejn allura l-azzjoni tista'*

*tirrendi lill-attur riżultat utli u vantaġġjuż (ibid.).*

*L-elenku ppreżentat mir-Rikorrenti (a fol 53 sa 55) u d-deskrizzjoni tal-accountant tal-kumpanija KPM Marine Services (ara affidavit a fol 139 u e-mail hemm annessa kif ukoll xhieda a fol 309 a tergo et seq) kollha jirreferu għal danni, konsistenti f'telf ta' profitti u spejjeż inkorsi, minħabba li l-bastiment ma setax jintuża sakemm dan ġie trasferit minn fuq il-kumpanija KPM Marine Services għal dik ta' Kevin Holdings Limited.*

*Huwa evidenti għalhekk li d-danni reklamati mir-Rikorrenti huma effettivament danni li ġarrbet il-kumpanija KPM Marine Services fiż-żmien li kienet is-sid tal-bastiment imsemmi (ara xhieda tal-accountant stess tal-kumpanija fix-xhieda tiegħu a' fol 57:*

*"**Dr. Edward Gatt:** U dan il-bastiment bejn wieħed u ieħor taf kemm għamel perijodu li ma setax jiġi trasferit?*

***Xhud:** Il-kumpanija aktar milli l-bastiment. Il-kumpanija kien hemm ngħidlek viċin sentejn.....*

***Dr. Keith Borg:** Ara naqblux ... illi l-bastiment kien proprjetà u baqa' proprjetà tal-KPM? Il-bastiment qatt ma kien tas-Sur Attard u tas-Sinjuri Cardona. Dal-bastiment kien proprjetà tal-kumpanija. Naqblu sa hemm?*

***Xhud:** Iva" (a fol 75 u ara wkoll xhieda ta' Karen Busuttil a fol 137 B sa 137D u 314 et seq, xhieda Rikorrenti a fol 141B u 141 F et seq).*

*Ta' valur hija x-xhieda ta' Karen Busuttil, il-partner tal-attur, li kienet tieħu ħsieb kwalunkwe dokumenti relatati mal-kumpanija (ara fol 52 aff tal-Attur). Din tgħid illi l-kawża li ttransiġew ma għandhiex "tintuża bħala mod sabiex jiġu skapulati l-obbligi u responsabbilitajiet naxxenti, mid-danni kkawżati mill-intimati in kwantu jikkonċerna <u>telf ta' xogħlijiet tal-istess kumpanija KPM Marine Services Limited u danni kkawżati</u>" (a fol 50. Enfażi ta' din il-Qorti). Mill-email ta' Alex Attard, l-accountant ta' KPM Services Ltd, huwa ċar, li d-danni li kkomputa huma ta' dak li sofriet din is-Soċjetà u mhux l-Attur personalment (a fol 140). Issa dawn kienu it-tnejn minn nies, li jidhru li kienu jafu x'inhu għaddej fil-kumpanija aktar mill-attur, tal-inqas sa fejn kien jirrigwarda finanzi u valur tax-xogħol maħdum.*

*Fl-aħħar nett li l-unika propjetà li kellha ta' valur is-soċjetà kien bastiment bl-isem ta' Alice. Dan il-bastiment qatt ma kien f'isem l-attur personalment, iżda dejjem kien jappartjeni lil xi soċjetà. Dan il-bastiment ġie reġistrat fuq Kevin Holdings Ltd. Ġie reġistrat fit-22 ta' Novembru 2019 (ara fol 75 tergo u fol 76 u 77). Qabel kien reġistrat fuq KPM Marine Services Ltd. Fit-18 ta' Ġunju 2018 il-konvenuti rriżenjaw minn diretturi (ara dokumenti a fol 105).*

> *Dan ifisser li, sakemm il-kumpanija KPM Marine Services Ltd jkollha dritt ta' azzjoni biex tirkupra dak it-telf hi stess, l-attur ma jistax ifittex f'ismu personali lil persuni li kkawżaw dawn id-danni. Isegwi għalhekk li l-azzjoni attriċi kif postulata f'ismu proprju anke hawn ma tistax tirnexxi.»*

5. B'rikors tal-appell imressaq fid-29 ta' Marzu, 2023, l-attur Kevin Attard talab it-tħassir ta' din is-sentenza, bl-aggravju waħdieni jkun li s-sentenza mhijiex tajba għaliex: (i) fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti ma messhiex ħolqot eċċezzjoni hija stess u ddeċidiet il-kawża dwarha; u (ii) fit-tieni lok, l-attur fil-fatt ġarrab danni f'ismu personali għaliex kien huwa stess, bħala azzjonist waħdieni tal-kumpanija KPM Marine Services Limited, li ġarrab danni mill-qligħ li tilfet il-kumpanija.

6. Il-konvenuti Cardona wieġbu għal dan l-appell fis-26 ta' April, 2023 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

7. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

8. Fl-aggravju waħdieni tiegħu, l-appellant Kevin Attard jilmenta li l-Ewwel Qorti mxiet ħażin meta ħolqot eċċezzjoni hija stess u ċaħħditu milli

jieħu dak li ħaqqu mingħand il-konvenuti. Jisħaq li l-konvenuti ma ressqux id-difiża li fuqha l-Ewwel Qorti spiċċat biex sejset is-sentenza tagħha, *viz.* li huwa ma setax ifittixhom f'ismu personali minħabba li l-kumpanija KPM Marine Services Limited setgħet tfittex lill-konvenuti għad-danni mġarrba hija stess. Iżid jgħid li mhuwiex xieraq li fi proċeduri ċivili, il-Qorti toħloq difiżi minn rajha u li ma jkunux tressqu quddiemha biex hija tikkunsidrahom.

9. L-appellant jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja fid-deċiżjoni tagħha għaliex il-partijiet kienu dehru f'isimhom personali fuq il-kitba tal-4 ta' Ġunju, 2018 u dakinhar huwa kien ħallas is-somma ta' €163,500 lill-konvenuti minn butu u mhux mill-assi tal-kumpanija KPM Marine Services Limited. Jissokta jgħid li f'kull każ, anke li kieku stess huwa minnu li l-azzjoni kellha tiġi mressqa mill-imsemmija kumpanija, bħala l-unika azzjonist fil-kumpanija, huwa kien is-sid benefiċċjarju waħdieni tagħha u għalhekk l-interess tiegħu fil-kawża ma setax jintrema' 'l barra, hekk kif irraġunat l-Ewwel Qorti. Għalkemm l-appellant jammetti li minħabba l-imġiba tal-konvenuti, il-kumpanija KPM Marine Services Limited tilfet xogħol f'kuntratti ta' servizz ta' trasport u sajd, huwa jisħaq li fl-aħħar mill-aħħar kien huwa stess li ġarrab telf ta' qligħ, bħala l-azzjonist waħdieni ta' din il-kumpanija. Minħabba f'hekk, huwa jemmen li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi mibdula billi jintlaqgħu t-talbiet tiegħu u l-konvenuti jiġu mġiegħla jħallsuh id-danni.

10. Din il-Qorti tqis li permezz tal-appell tiegħu, l-attur Kevin Attard qiegħed jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din laqgħet is-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti li t-talbiet imressqa mill-attur huma *«infondati fil-fatt u fid-dritt»* minħabba li fil-fehma tagħha l-attur m'għandux jedd li jfittex lill-konvenuti għad-danni f'ismu personali, ġaladarba l-kumpanija KPM Marine Services Ltd, li tagħha l-attur huwa l-azzjonist waħdieni, għandha jedd ta' azzjoni kontra l-istess konvenuti biex tiġbor id-danni li ġarrbet.

11. Issa biex l-attur jirbaħ il-kawża, huwa jrid mhux biss jegħleb l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda jrid juri wkoll li huwa għandu jedd li jressaq l-azzjoni magħżula minnu, għaliex jekk le, il-Qorti, ukoll jekk il-konvenuti ma jressqux eċċezzjonijiet, u anzi jibqgħu kontumaċi, ikollha tiċħad it-talbiet tiegħu.

12. Fil-każ tagħna l-Ewwel Qorti laqgħet is-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex waslet għall-konklużjoni li skont il-liġi, l-attur appellant m'għandux jedd ifittex lill-konvenuti għad-danni f'ismu personali, bħala azzjonist tal-kumpanija KPM Marine Services Limited, ladarba dan il-jedd huwa mogħti lill-istess kumpanija. F'dan il-każ l-Ewwel Qorti ma ħolqot l-ebda eċċezzjoni ġdida iżda sewwasew iddeċiedet dwar punt ta' dritt li dehrilha li kellu jiġi mħaddem.

13. B'daqshekk, l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx fuq kwistjoni li taqa' 'l barra mill-oġġett tal-ġudizzju, għaliex indipendentement mill-inizjattiva tal-konvenuti, hija kellha kull jedd li tistħarreġ jekk l-azzjoni tal-attur tissodisfax l-elementi kollha (ara ***Giuseppe Wismayer v. Giovanni Magri*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Novembru, 1934 u ***Concorde Developments Limited v. B. Grima and Sons Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017). Lanqas jista' jingħad li l-Ewwel Qorti ħasdet lill-attur appellant bl-argumenti tagħha għaliex biex tasal għad-deċiżjoni, hija kellha ta' bilfors tħaddem dak li tgħid il-liġi (ara ***George Agius et v. Charles V. Schembri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 2005).

14. Wara kollox huwa miżmum li *iura novit curia*, jiġifieri li l-Qorti hija meqjusa li taf il-liġi u la dan hu hekk, il-partijiet f'tilwima legali m'għandhomx l-obbligu li bilfors joqogħdu jeċċepixxu jew jippruvaw il-liġi li tgħodd għall-każ tagħhom. Dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti hija dejjem marbuta li tapplika l-liġi wkoll jekk din ma tiġix ċitata mill-partijiet fil-kawża (ara ***Avukat Henri Mizzi nomine et v. Telestarr Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016 u ***Palm Shipping Agency Limited v. Korporazzjoni Enemalta*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

15. Għalhekk, l-ilment tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi dwar dan il-punt ta' dritt mhuwiex wieħed siewi għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi skont il-liġi, lil hinn mill-argumenti u d-difiżi mressqa mill-partijiet.

16. Magħluqa din il-kwistjoni, il-mistoqsija li trid tiġi mwieġba minn din il-Qorti sabiex jiġi mistħarreġ il-kumplament tal-aggravju tal-appellant, hija din: jista' azzjonist ta' kumpanija jiftaħ kawża għad-danni f'ismu personali jekk kemm-il darba dawk id-danni tkun tista' tfittex għalihom il-kumpanija stess?

17. Fil-każ tagħna, skont dak li hemm imfisser fir-rikors maħluf, l-attur appellant qiegħed ifittex li jiġi mħallas għad-danni li jgħid li ġarrab minħabba li l-konvenuti appellati, li fil-passat kienu azzjonisti u diretturi tal-kumpanija KPM Marine Services Limited flimkien mal-appellant, waqfu milli jamministraw il-kumpanija u bdew ixekklu l-għanijiet tal-kumpanija. Skont kif ippremetta l-attur appellant fir-rikors maħluf tiegħu, din il-pika tal-konvenuti appellati wasslet biex huwa tilef ħafna xogħol u huwa saħansitra kellu jiftaħ kawża biex jixtri l-ishma l-oħra fil-kumpanija mingħand il-konvenuti.

18. Aktar tard, skont il-provi mressqa fl-atti, bis-saħħa ta' kitba privata magħmula fl-4 ta' Ġunju, 2018, il-partijiet laħqu qbil dwar id-differenzi

kollha li kien hemm bejniethom sa dakinhar. Madankollu, ftit tal-jiem wara, l-attur appellant fetaħ din il-kawża u matulha huwa ressaq provi dwar danni li jgħid li ġarrab wara li saret l-imsemmija kitba tal-4 ta' Ġunju, 2018.

19. Din il-Qorti jkollha tistqarr li tinsab tassew perplessa kif matul l-istadju tal-provi tiegħu, l-attur appellant għoġbu jressaq provi dwar dak li ġara wara d-data tal-4 ta' Ġunju, 2018, meta skont il-premessi tar-rikors maħluf, jidher li huwa qiegħed ifittex lill-konvenuti appellati għal danni li huwa jgħid li bata fiż-żmien li ġie qabilha, meta l-konvenuti kienu għadhom diretturi tal-kumpanija KPM Marine Services Limited. Wara kollox, indipendentement mill-għamla tal-provi mressqa, huwa magħruf sewwa li l-azzjoni hija determinata mill-premessi u mit-talbiet u għalhekk il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi skont il-parametri kif imfissra u mressqa fir-rikors maħluf.

20. Lil hemm minn dan, fir-rikors tal-appell tiegħu, kien l-appellant stess li stqarr li l-kumpanija KPM Marine Services Limited tilfet xogħol f'kuntratti ta' servizz ta' trasport u sajd minħabba l-imġiba tal-konvenuti appellati. Madankollu, huwa jisħaq li fl-aħħar mill-aħħar, it-telf ta' qligħ u danni ġarrabhom hu għaliex illum il-ġurnata huwa l-uniku azzjonist ta' din il-kumpanija. Fid-dawl ta' din l-istqarrija tal-appellant, dak li jrid jiġi mistħarreġ huwa sewwasew jekk din il-kawża setgħetx tinfetaħ minnu f'ismu personali, bħala azzjonist tal-kumpanija, jew mod ieħor, jekk din

kellhiex tinfetaħ mill-kumpanija KPM Marine Services Limited stess.

21. Din il-Qorti tqis li fil-prinċipju, direttur ta' kumpanija huwa meqjus bħala mandatarju u fiduċjarju tal-kumpanija (ara ***Dottor Anthony H. Farrugia nomine v. Vennie Carbone nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2001 u ***Video-On-Line Limited v. Ian Giles*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-25 ta' Frar, 2004). Huwa magħruf ukoll li l-kumpanija għandha personalità ġuridika distinta mill-azzjonisti li jiffurmawha (ara l-**Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji**).

22. Minħabba f'hekk, id-dmirijiet u l-obbligi ġenerali tad-diretturi huma ġeneralment fil-konfront tal-kumpanija li tagħha huma diretturi u mhux lejn xi azzjonist individwali (ara ***J.H. Farrar, N. Furey, B.Hanningan**, **Farrar's Company Law*** (Butterworths, Second Edition), f'paġna 325). Konsegwentement, f'każ li direttur jikser l-obbligi tiegħu jew inkella ma jaqdix dmirijietu sewwa u bil-mod ta' kif inhu mitlub mil-liġi, in-nuqqas ta' dak id-direttur ikun prinċipalment fil-konfront tal-kumpanija, u ġeneralment hija l-kumpanija biss li tgawdi mil-leġittimazzjoni attiva biex tieħu azzjoni kontra dak id-direttur (ara ***Ingrid Fiorini v. Anna Zerafa et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2022).

23. Għalkemm ma hemm xejn xi jżomm lill-azzjonist ta' kumpanija milli jfittex lil direttur tagħha għad-danni minħabba xi atti jew ommissjonijiet

tal-istess direttur, azzjonist ma jistax ifittex lil direttur dwar kull dannu li jista' jeżisti. Kemm hu hekk, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li d-dannu reklamat minn azzjonist irid ikun strettament personali u separat minn dak id-dannu li jkun ġie mġarrab lill-kumpanija bl-istess att jew ommissjoni kolpuża tal-konvenut. Fuq kollox, dan huwa estensjoni tal-prinċipju li l-kumpanija għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-azzjonist, u b'hekk il-patrimonju tal-kumpanija mhuwiex l-istess patrimonju tal-azzjonist.

24. Tassew, biex azzjoni għad-danni miftuħa minn azzjonist kontra d-diretturi ta' kumpanija tħalli l-frott, huwa jrid jipprova: (i) li t-telf imġarrab minnu mhuwiex l-istess telf jew inkella riflessjoni tat-telf imġarrab mill-kumpanija li tagħha huwa wieħed mis-sidien; u (ii) li l-kumpanija ma setgħetx tfittex għal dak it-telf hi (ara ***Anthony Muscat et v. Anthony Nicholl et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2020). Fin-nuqqas li juri dan, l-attur jitlef il-jedd tiegħu li jressaq azzjoni bħal din għaliex minnha huwa ma jkun jista' jikseb l-ebda utilità jew vantaġġ (ara ***MrBookmaker.com Ltd v. Stichting De Nationale Sporttotalisator*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Mejju 2011 u ***Maria Tabone Gulia Maria Millard v. George Said et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Settembru, 1988).

25. Meqjus dan, għandu jingħad li matul din il-kawża, l-attur appellant

fl-ebda waqt ma wera li huwa ġarrab telf direttament minn butu. Huwa minnu li t-telf ta' qligħ għall-kumpanija jista' jwassal għal tnaqqis fil-valur tal-ishma miżmuma minnu, li mbagħad jistgħu jwasslu biex l-azzjonist iġarrab telf ekonomiku fil-patrimonju tiegħu. Madankollu, it-telf tal-profitti u tal-valur tal-ishma huwa essenzjalment konsegwenza tat-telf li tkun ġarrbet il-kumpanija. Minħabba f'hekk, tali telf huwa meqjus bħala 'mera' tat-telf li tkun ġarrbet il-kumpanija u konsegwentement, minħabba dak li l-Qrati Ingliżi jirreferu għalih bħala n-*'non-reflective loss principle'*, azzjonist ma jistax ifittex f'ismu personali lil dik il-persuna li tkun ikkawżat dak it-telf sakemm il-kumpanija jkollha dritt ta' azzjoni biex tirkupra dak it-telf hi stess (ara ***J.H. Farrar, N. Furey, B.Hanningan**, **Farrar's Company Law*** (Butterworths, Second Edition), f'paġna 385).

26. It-telf li seta' ġarrab l-attur ma seħħx bħala konsegwenza diretta tal-atti jew in-nuqqasijiet tal-konvenuti. Mod ieħor, dan, jekk seħħ, huwa konsegwenza diretta tat-telf li setgħet ġarrbet il-kumpanija KPM Marine Services Limited minħabba l-imġiba tal-konvenuti appellati. Kemm hu hekk, li kieku l-kumpanija aġixxiet kontra l-appellati u ġiet ikkumpensata għat-telf li ġarrbet, l-assi tagħha kienu jiġu rientegrati. Dan imbagħad kien iwassal biex il-valur tal-ishma tal-azzjonist (f'dan il-każ, l-attur appellant) jerġa' jiġi kif kien qabel. Għalhekk, huwa ferm ċar li t-telf li seta' ġarrab l-attur appellant huwa, kemm: (i) riflessjoni tat-telf li setgħet ġarrbet il-kumpanija KPM Marine Services Limited, u kif ukoll (ii) il-frott tal-fatt li l-

kumpanija ma ħaditx passi kontra l-konvenuti appellanti, ħaġa li setgħet issir anke fuq inizzjattiva tal-attur stess, li llum huwa l-uniku direttur tal-istess kumpanija (ara ***Ingrid Fiorini v. Anna Zerafa et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2022). Isegwi b'hekk, minn dan kollu, li l-attur appellant m'għandux jedd imexxi b'din l-azzjoni f'ismu personali.

27. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

28. Il-Qorti tagħlaq billi tosserva li għar-raġunijiet tiegħu, l-attur appellant għażel li ma jappellax minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-partijiet fil-kawża kienu transiġew il-kwistjonijiet kollha ta' bejniethom bis-saħħa tal-kitba li huma resqu fuqha fl-4 ta' Ġunju, 2018. Għalhekk, ladarba ma tressaqx aggravju mill-attur appellant fuq dan il-punt, din il-parti tas-sentenza llum għaddiet b'ġudikat u din il-Qorti ma tistax tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn hija laqgħet din l-eċċezzjoni.

29. Isegwi b'hekk, li fl-aħħar mill-aħħar, l-appell tal-attur Attard sar fil-vojt u ma seta' jkun tal-ebda utilità għalih ladarba huwa ma ressaqx ilment mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn intlaqgħet din l-eċċezzjoni tal-konvenuti. Wara kollox, din l-eċċezzjoni toqtol għalkollox il-jedd tal-attur li jmexxi b'kawża għad-danni kontra l-konvenuti dwar dak li ġara bejniethom qabel saret il-kitba tal-4 ta' Ġunju, 2018.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-attur Kevin Attard. L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk tal-appell, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-istess Kevin Attard.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm